MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Talba Numru. 356/2003

**Saliba Brothers (Plumbers & Electrical Fitters) Ltd.**

**Vs**

**Maria Victoria Jervis**

## It-Tribunal

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li ppremettiet li hija kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' elf, disgha u ghoxrin Euro (€ 1,029), cioe' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm441.60) dovuti ghal xoghol u materjal ta' plumbing ezegwit fuq inkarigu tal-konvenuta u konsegwentement talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tal-istess. Gie premess ukoll fl-Avviz illi l-imsemmija konvenuta Maria Victoria Jervis giet interpellata diversi drabi ghal hlas u dan anke permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru, 2002 u baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi l-ammont rikjest fl-avviz mhuwiex kollu dovut stante li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Ra x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo li prezenta rapport li kien hejja fil-15 ta' Jannar, 2003 fuq inkarigu tal-konvenuta. Meta kien mar jaghmel spezzjoni ma kienux qed isiru xogholijiet. Dawn kienu saru qabel. Hu mar fl-istess gurnata li ghamel ir-rapport.

Ighid li waqt l-access kien hemm hu u l-konvenuta biss presenti. Jispjega illi hu llimita r-relazzjoni tieghu ghal dak li kien kompetenti fih. Infatti kien hemm problema ta' elettriku, izda hu hass li ma kienx kompetenti jaghmel relazzjoni fuq dan.

Ix-xhud ighid li l-hsara li kien hemm setghet tittranga.

Ra x-xhieda ta' Charles Saliba, direttur tas-socjeta' attrici, li jispjega li l-konvenuta kienet ikkuntattjatu ghal habta ta' Marzu, 2002 sabiex jaghmillha xi xoghol ta' dawl u ilma f'post taghha f'Tas-Sliema. Ighid li minkejja li kien impenjat hafna, minhabba c-cirkostanzi li kienet qed tghix fihom thassarha u accetta x-xoghol u madwar hamest ijiem wara kien mar jara l-post u kien bdielha ix-xoghol. Jispjega li wara li l-konvenuta kienet accettat il-'quotation', kienu bdew x-xogholijiet u dejjem kien hemm il-haddiema tieghu fil-post. Kienu ghamlu xoghol ta' 'plumbing' wara li tlesta x-xoghol ta' katusi u elettriku. Il-kont Dokument CS 2 huwa anqas ghaliex ma kienx jinkludi x-xoghol kollu.

Jikkonferma li l-kont kellu nieqes xi zewg 'items' ghaliex intalbu jaghmlu dan ix-xoghol waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet. Dawn kienu jinkludu l-installazzjoni kompletament gdida minn sistema ta' 'solar heating' ghal wahda ta' 'geysers'.

Ighid li ghalkemm il-kont kien jinkludi t-twahhil ta' 'wash basin' u WC , dawn ma twahhlux ghaliex kienet insistiet il-konvenut li dawn ma jitwahhlux.

Ix-xhud jistqarr li sal-mument li nftehet il-kawza, il-konvenuta qatt ma lmentat dwar ix-xogholijiet li saru mis-socjeta' attrici, hlief li kienu talbithom ighagglu sabiex tfittex tmur toqoghod fil-post.

Meta kien bghatilha l-kont tal-'plumbing', kien bghatet ghalih u kien mar u talbitu aktar zmien sabiex ihallas ghaliex kellha thallas xi plegg lil xi avukat.

Jikkonferma li kien hemm gebel u fl-istima kien hemm is-somma ta' mitejn u disgha u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€ 279.52), mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) ghall-qtugh u tindif, pero' peress li dan ix-xoghol sar minn nies ohra ma kienx qed jitlob taghhom.

Fuq ic-'circuit' tal-'cooker', jispjega li ma setax hu ta' 28 amps. Illum fil-present jigu lesti b''wire' 1.5 u 'pin plug' ta' 13 amps u li ghalhekk ikollhom bzonn biss 'socket' tat-13 amps fuq l-istess 'circuit' ta' 'plugs'. Huwa normali meta 'cooker' ikun gdid li jitfi l-'earth leakage circuit breaker', sakemm jinxef l-'element'.

Jispjega ukoll illi il-'wire' 2.56 li ghamlu bejn l-M.C.B. 2 Pole u l-Earth Leakage Circuit Bracket tul ta' 8 pulzieri jifilhu aktar mill-amperage li jintuza bhal f'din id-dar.

Ighid li kienu ghamlu l-'conduit' tal-'intercom' u dan bilfors irid jitqabbad ma' 'consumer unit', ghaliex it-'transformer' jiehu 'live' u 'neutral' 240 V. Ma kienux ghamlu x-xoghol ta' 'set' u 'wire'.

Skond ix-xhud ma hemmx differenza fil-prezz f'ELCB 40 amps flok E.L.C.B. 63 amps.

Is-'switch' tal-'water heater' sar ghas-sistema tas-'solar' u mbaghad peress li l-konvenuta kellha xi tghid ma min kellu jaghmel ix-xoghol u kellu jergghu jaqilbu s-sistema ghall-'water heater' minghajr hlas.

Dwar l-'angle valves' ighid li kull fejn kien hemm bzonn li jitwahhlu twahhlu.

Fuq il-‘heater’ tat-‘toilet’ tal-mistednin ma setax jaghmel il-‘heater’ li jintlahaq mill-art ghaliex ma kienitx skond ir-regolamenti.

Il-kont tat-tindif ma giex accettat mill-konvenuta.

Ighid ukoll illi s-‘supply’ tal-banju ma kienux insewh, tant li l-kont thallas.

Dwar il-pompa fuq il-bejt din saret minhabba s-sistema tas-‘solar’ li kienet ser issir.

Dwar il-kamra tas-‘shower’, kien jonqos li jitpoggew il-w/c u l-‘wash hand basin u dawn ma tpoggewx ghax l-konvenuta kienet qalet li ma kienux ser jintuzaw.

Fuq il-banju, dan twahhal kif suppost fuq is-saqajn u kien inkluz fl-istima bil-valur ta’ tlett mija u tnejn u sebghin Euro u sebghin centezmu (€ 372.70), mija u sittin lira Maltin (Lm160) u ghalhekk ma setghetx tikkontestah wara li sar x-xoghol.

Fuq il-‘wire’ tal-‘water heater’ ghaddewh mill-bitha ghaliex originarjament kien ser ikun hemm is-‘solar heating’ u mbaghad sar biss ‘water heater’ u biex ma jkissrux ghaddew il-‘wires’ minn gol bitha.

Xehed li mhux minnu li hu ma riedx jaghti lill-konvenuta rcevuta tal-Vat. Jispjega li dak li gara kien li l-konvenuta kienet tilfet il-kont u ma rieditx kopja u ghalhekk kellu jerga’ johrog kont iehor fuq rcevuta gdida u kien baqa’ maghha li ladarba ssib l-kont originali, mbaghad kien dispost li johrog rcevuta tal-Vat.

Jikkonferma li thallas biss wara li baghat it-tieni ‘invoice’.

Fuq il-kwistjoni tal-Vat jikkonferma li dan kien thallas minkejja li l-ircevuti kienu hargu wara.

Jikkonferma ukoll li wara li kien hareg il-kont ta’ l-ilma, kien ta lill-kovenuta zmien sabiex thallas.

Dwar l-'intercom' xehed li l-'cable' tieghu jrid ighaddi minn gol 'main box' u dan sabiex ikun jista' jiehu l-240 volts. Pero' ma kienx hu li ghadda l-'cable' u min haddmu iddecieda li jahdmu hekk.

Minhabba li originarjament kellha titwahhal sistema ta' 'solar heating' li imbaghad tbiddlet, kellhom isiru xi modifikazzjonijiet kemm fis-sistema ta' l-elettriku, kif ukoll fis-sistema ta' l-ilma biex minn 'solar sytem' ikun hemm 'water heaters.

Jikkonferma li kienu nstallaw 'heater' fit-tromba tat-tarag, izda jichad li kellhom iwahhlu xi mirja.

Ighid li qabel ma baghat il-kont ma kienx jaf li l-konvenuta kienet qabdet xi nies. Kien sar jaf biss waqt l-access.

Ra x-xhieda tal-konvenuta li xehdet li kienet inkarigat lil Saliba Brothers sabiex jaghmlulha xogholijiet ta' elettriku, 'plumbing' u katusi. Tghid li hi kienet hallset ghax-xogholijiet tad-dawl u elettriku, ghalkemm ma kienux gew 'tested', u meta kien hemm diversi affarijiet difettuzi.

Maggorment, l-ilmenti taghha kienu li meta waqqfet lis-socjeta' attrici milli tkompli taghmel ix-xogholijiet, il-'plumbing' ma kienx lest ghaliex kien jonqos li jitwahhal is-'sink', il-WC, 'flushing' u 'shower cubicle'. Il-'geyzer' kien twahhal, pero' ma kienx gie komunikat mas-sistema ta' l-elettriku. It-'toilet' fis-sular t'isfel ma kienx imwahhal mal-art tajjeb u kien jitbandal.

Tispjega li hi kienet dejjem tkellem lil Charles Saliba dwar l-ilmenti taghha, minkejja li dan ma kienx ikun fuq il-post dejjem. Izda, kull meta lmentat kien jinzel u d-difetti kienu jitrangaw. Dwar dak li lmentat kollox tranga, hlief li meta dahlet gol-post sabet aktar difetti.

Il-konvenuta tghid ukoll illi fil-fehma taghha kellu jsir 'switch' separat ghal 'electric cooker' u dan baqa' ma sarx. Lil Saliba kienet qaltlu b'dan.

Dwar il-katusi tghid li ma kellha l-ebda lmenti. Pero', meta mbaghad dahlet fil-fond sabet aktar difetti.

Xehdet li kienet tinzel kuljum fl-post sabiex tara x-xogholijiet .

Tikkonferma li kienet kecciet lis-socjeta attrici u sa dak iz-zmien kienet hallset il-kont ta' l-elettriku, izda kellha xi lmenti li uhud trangaw u uhud kellha twabbad lil haddiehor.

Meta kecciet lis-socjeta' attrici ma kienux spiccaw is-sistema ta'l-ilma.

Tghid li ma taqbilx li l-istima kienet tinkludi t-tnehhija ta' gebel u terrapin, izda li din kienet tinkludi biss li jitnehhew il-madum, il-banju, s-'sink' u d-WC tas-'shower' ta' fuq u l-'bathroom' ta' fuq.

Hi kienet qabbdet lin-nies biex nehhew dawn l-oggetti u ghalhekk ma kienitx accettat l-istima tas-socjeta' attrici.
Ra x-xhieda ta' Emmanuel Farrugia li xehed li l-konvenuta ta' spiss kienet tilmenta mieghu dwar il-kwalita' tax-xoghol tas-socjeta' attrici fil-proprjeta' taghha Numru 57, Depiro Str, Sliema.

Kien tilmenta li kien il-'conduit' tal-'intercom' li kien hiereg ghal gewwa d-'distribution box'.

Il-konvenuta kienet gabet 'electrician' iehor sabiex ibidlilha l-'wires' mill-'main switch' ghas-'salvavita' biex jaghmlilhom 'extension', kif ukoll kellu jbiddlilha l-'amperage' tas-'salvavita' ghal wiehed ghola.

Is-socjeta' attrici kienet naqset milli taghmel 'supply point' ghal 'cooker'.

Kien hemm problemi kbar bis-'salvavita', li kienet tmur kull darba li kienet tixghel il-'cooker'. Imbaghad irrizulta skond 'electrician' iehor li kien hemm kollox ghaddej fuq 'circuit' wiehed.

Ighid li s-socjeta' attrici kienet naqset f'hafna affarijiet ohra, bhal ma kienet wahlet 'switch' tal-'water heater' fl-gholi, kienu imlew il-'water heater' bl-ilma, bla ma kien hemm komunikazzjoni ta' l-elettriku. Ma kienx hemm lanqas' angle valves' ghall-'water heater'.

Ma kienux naddfu u kkagunaw xi hsara fil-kcina meta uzaw xi skieken.

Kellha ggib persuni ohra sabiex inaddfu u jbiddlu il-'connections' tal-'pipes' tad-'drain' tas-'sink' u xi 'pipes' ohra tas-'sink'.

Naqsu jaghmlu 'wires' ta' l-elettriku ghall-'water heater' fl-ewwel sular u naqsu ukoll milli jaghmlu 'ventilator pipe' ghat-tank ta' l-ilma fuq it-turetta.

Qatt ma sar 'ventilation pipe' ghaliex Charles Saliba dejjem qal li ma kienx hemm bzonnu. Inoltre l-banju ma kienx sod.

Jixhed ukoll li meta il-konvenuta kienet ddecidiet li twaqqaf lis-socjeta' attrici milli tkompli taghmel ix-xogholijiet kien beda jheddidha Charles Saliba u hu kien kellmu u li kien rrispondih li sakemm hu kien fil-post haddiehor ma kienx ser jidhol.

Ix-xhud jispjega li hu ma kienx ikun prezenti u kien hemm forsi xi darbtejn jew tlieta meta kien hemm u dan peress li kien bil-'leave'.
Dwar l-'angle valves' hu seta' jikkonferma li ma kienux hemm ghax kien induna hu stess. Dwar it-tibdil tal-'pipes' fis-sink, minkejja li ma kienx hemm, kien induna bit-tibdil u li ma kienix baqqghet ir-riha.

Ighid li x-xogholijiet ta' l-elettriku u l-'plumbing' kien tlesta, izda l-konvenuta riedet twaqqfilhom ix-xoghol ghaliex skond hi ma kienux qed jaghmlu xogholhom sew.

Ra ir-rapport tal-perit legali li llimita ruhu fuq materji teknici biss, u mhux fuq rcevuti fiskali, jekk is-socjeta' attrici kellhiex certifikati sabiex tezegwixxi x-xoghol, dwar it-tindif

tal-post, tehid ta’ ‘wires’ minn fuq il-post, rovina ta’ skieken biex inqatghu l-‘pipes’ u brix ta’ ghamara.

Ghal dak li jirrigwarda l-interferenza fl-‘intercom’, il-hxuna tal-‘wiring’, is-‘salvavita’, l-‘outlet’ ghal ‘cooker’, ic-caqliq fil-banju, il-‘vent pipe fit-tank tal-ilma ta’ fuq il-bejt, it-Tribunal jaqbel mal-konsiderazzjonjiet tal-perit teknikuVincent Ciliberti.

Il-perit tekniku Vincent Ciliberti, spjega li minkejja li l-konvenuta kienet qed tinsisti li kien hemm xi interferenza fl-‘intercom’, peress li l-‘wiring’ kien ghaddejj mill-istess ‘conduit’ tal-‘mains’, dan ma kienx minnu, ghaliex l-‘wires’ tal-‘intercom’ lanqas ma kienu kkomunikati u kienu ghaddejjin minn ‘conduit’ separat.

Irrizultalu li kien hemm ‘circuit breaker’ ta’ 60 amps, pero’ ma setax jikkonferma jekk dan giex installat mis-socjeta’ attrici jew mit-terzi persuni li kienet inkarigat il-konvenuta sabiex jikkonkludu x-xoghol.

Jiixhed ukoll li l-konvenuta kienet ilmentat ukoll illi c-‘circuit box’ kien vicin tal-‘main box’, izda ma rrizultalux li kien hemm xi interferenza.

Jixhed ukoll idealment li ghal ‘cooker’ tal-elettriku jrid ikun hemm ‘circuit’ u ‘switch’ separat u l-istess socjeta’ attrici qatt ma kienet qaltilhom li kienet ser tinstalla ‘cooker’ ta’ l-elettriku.

Minkejja li kienet qed tilmenta li s-‘salvavita’ tittripja kull darba li tixghel il-‘cooker’, dan ma rrizultalux lanqas.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-konvenuta, dan it-Tribunal ghalhekk jaqbel ma’ dak relatat mill-perit tekniku Vincent Ciliberti u tadotta l-istess rapport fl-intier tieghu u taghmlu taghha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jichad l-eccezzjonjiet tal-konvenuta, u konsewgwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont mitlub.

Bl-ispejjes u l-imghax kif  mitluba ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------